VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,416, 3 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 233 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar in-Numru ta' Persuni fi Spazji Pubbliċi hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465.34

(2) Dan l-ordni għandu jidħol fis-seħħ fil-5 ta' Ġunju, 2020.

Sostituzzjoni tar-regolament 3 tal-ordni prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tal-ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ta' masses ta' persuni f'avvenimenti tal-massa.

3. Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika tordna li, fi spazji pubbliċi, il-ġbir ta' masses ta' aktar minn ħamsa u sebgħin (75) persuna f'avveniment organizzat tal-massa huwa pprojbit.